**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 55**

Il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjuri Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - Aġent Segretarju Eżekuttiv |

## 55.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

## 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

55.2.1 Il-minuti tal-laqgħat numru 53 u 54 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 55.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

n/a

## 55.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

55.4.1 Emejl mingħand Wasteserv dwar *European Week for Waste Reduction 2023.* Il-kunsilliera qablu ma tali inizjattiva u pproponew li jsir *collection of used garments* u dana fil-ġurnata tas-Sibt 25 ta' Novembru 2023.

55.4.2 Emejl mingħand il-*Cultural Events Fund Board* dwar il-pagament tal-event *Traditions.* L-Aġent Segretarju nforma lill-Kunsill li qed jaħdem fuqha.

55.4.3 Emejl mingħand *National Heritage, the Arts and Local Government* rigwardanti *Discussing Explore Malta*. Il-kunsilliera qablu li nagħtu d-dettalji tal-postijiet ta' nteress fil-lokalita' tal-Għasri għal tali inizjattiva.

55.4.4 Il-Kunsill irċieva l-kont ta' Gatt Construction Limited u l-kunsilliera qed jikkonfermaw li kienu qablu li tali kont jitħallas.

55.4.5 Emejl mingħand Emanuela Vella re *Gozo Team Inspection Week* fuq diversi nuqqasijiet fil-lokalita' tal-Għasri. Il-Kunsilliera qablu li jibdew ix-xogħolijiet neċessarji sabiex jitranġaw tali nuqqasijiet. F'tali rapport ġew indikati wkoll xi nuqqasijiet li ma jaqgħux taħt il-Kunsill u għalhekk jiġu eskalati lill-Ministeru ta' Għawdex sabiex jieħdu ħsieb li tali nuqqasijiet jitrangaw. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li s-signs isiru tal-aluminium.

55.4.6 Sar rapport mingħand xi residenti li hemm xi bozoz tat-toroq mitfijin u l-Kunsilliera qablu li l-kuntrattur jieħu ħsieb li jirranġhom.

55.4.7 Saret talba mingħand is-sid ta' kumpless turistiku fi sqaq fi Triq il-Knisja sabiex issir mera faċċata tal-post. Il-Kunsill qabel li tali mera ssir.

55.4.9 Saret talba minn residenta sabiex issir ħadida għolja daqs il-bankina. Il-Kunsilliera

qablu li jintalab il-permess lil Transport Malta.

**55.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

55.5.1 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa meta ser jitkomplew ix-xogħolijiet fuq il-*playing field.* Is-Sindku pproppona li jkellem u jitqabbad William Sultana bħala *Project Manager* sabiex ix-xogħolijiet ikunu jistgħu jitkomplew.

55.5.2 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff irrefera għall-iskema tas-CCTV li ġiet approvata u għalhekk saqsa kif ser jibdew ix-xogħolijiet. Is-Sindku ppropona li tiġi mitkellma l-kumpanija ALBERTA sabiex tkun tista' tibda bix-xogħolijiet peress li diġà kien hemm kwotazzjonijiet mingħand l-kumpanija ALBERTA.

55.5.3 Il-Kunsillier Sammy Saliba saqsa rigward xi *bins* tal-klieb li spiċċaw mingħajr għatu, jistax jinxtara għatu jew jinbidlu. Il-Kunsilliera qablu li dawn għandhom jinbidlu.

55.5.4 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa jekk hemmx xi *bands* li kkonfermaw il-preżenza tagħhom għall-*event Traditions* tas-sena d-dieħla. Ġie nfurmat li s'issa kkonfermaw D Capitals u Freddie Portelli. Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand il-Winter Moods.

55.5.5 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff ssuġerixxa li ssir mera int u tiela' mill-Għasri. Il-Kunsilliera qablu unanimanent ma din il-proposta.

55.5.6 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff saqsa kif inhu inxurjat it-trakk tal-Kunsill, sabiex dan ikun *fully Comprehensive* u li jista' jsuqu kulħadd *over 25*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ser jiċċekkja dwar dan.

55.5.7 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff saqsa rigward x'sar mill-*electric bikes* li kienu ngħataw lill-Kunsill. Il-Kunsill infurmat li s'issa għadu ma ġiex mgħoddi d-dettalji rigwardanti tali *electric bikes,* b'hekk għandha tiġi mitkellma l-persuna nkarigata li għaddiet lil Kunsill tali *electric bikes.*

55.5.8 Il-Kunsillier Sammy Saliba ppropona li jiġi mnaddaf passaġġ bejn l-Għasri u l-Għarb. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-Ministeru ta' Għawdex sabiex tali passaġġ jitnaddaf.

55.5.9 Il-Kunsillier Sammy Saliba ssuġġerixxa li ssir replika tal-Għejjun.

55.5.10 Il-Kunsill qabel ili jinbidlu l-bozoz li hemm mitfija u ssir bozza fuq arblu diġà approvata f'laqgħa preċedenti.

## 55.6 Proġetti tal-Kunsill

55.6.1 Rigward il-proġett ta' Triq Wied Sara, il-Kunsill jaqbel li għandha ssir komunikazzjoni mad-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tiġi diskussa din is-sitwazzjoni.

## 55.7 Attivitajiet tal-Milied

55.7.1 Il-Kunsill qabel li bħal ma sar fi snin ta' qabel, is-Sibt 23 ta' Diċembru 2023, issir l-attivita' b'Father Christmas. Dan idur mat-toroq tal-Għasri jqassam ir-rigali.

55.7.2 Il-Kunsilliera qablu wkoll li terġa tittella' l-kompetizzjoni tal-isbaħ tieqa u bieb u r-rebbieħa ser jiġu ppremjati.

## 55.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

55.8.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-54.

## 55.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

55.9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru, 2023 fis-7:00 ta' filgħaxija bi qbil unanimu.

Ikkonfermati l-Ġimgħa, 24 ta' Novembru 2023

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**